**KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ**

**AĠENDA NUMRU 1– 4 ta' Lulju 2019**

***Minuti tal-ewwel laqgħa tal-Kunsill tat-tmien Legislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Città Rohan, li saret nhar l-4 ta' Lulju, 2019 fis-6:00pm.***

Il-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug iltaqa' fl-ufficcju amministrattiv tiegħu fi Triq Frans Sammut fis-6:00pm ta' filgħaxija sabiex issir Agenda Numru 1. Il-laqgha bdiet fil-6:15pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Prezenti:** | **Dr. Malcolm P. Galea** | Kunsillier |
| | **Mark Camilleri** | Kunsillier |
| | **Steve Zammit Lupi** | Kunsillier |
| | **Clive Azzopardi** | Kunsillier |
| | **Philip Edrick Zammit** | Kunsillier |
| | **Patrick Bonnici** | Kunsillier |
| | **George Cortis** | Kunsillier |
| | **Kevin Glynn** | Kunsillier |
| | **David Battistino** | Kunsillier |
| **Assenti b'Apologija:** | **Ħadd** | |
| **Assenti :** | **Ħadd** | |
| **Pubbliku:** | **Mr. Robert S. Tabone** | Works' Co-ordinator |

**Uffiċċjal prezenti:** **Paula M. Valletta** Segretarju Ezekuttiv

1.1 Diskors ta' merħba mill-Kunsillier l-aktar Anzjan

Il-Kunsillier Clive Azzopardi ghamel id-diskors ta' merħba bħala l-Kunsillier li l-aktar ilu jservi fil-Kunsill mill-Partit li kiseb l-aktar voti. Il-Kunsillier Clive Azzopardi ferah lill-Kunsilliera kollha li gew eletti u li kienu madwar il-mejda. Huwa irringrazzja lill-Kunsill precedenti li kien jifforma parti minnu u sahaq li ghandu jitkompla x-xoghol siewi li nbeda mill-Kunsill precedenti. Huwa awgura lil Dr. Malcolm Paul Galea u lil Mark Camilleri ghall-kariga ta' Sindku u Vici-Sindku rispettivament li kienu ser jiehdu aktar tard matul il-laqgha.

1.2 Aċċettazzjoni tal-Kariga ta' Sindku

Ghal din il-laqgha kien prezenti il-Kummissarju tal-Gustizzja Dr. Chris Cilia. Il-Kummissarju saqsa formalment lill-Kunsillier Malcolm Paul Galea jekk jixtieqx jiehu l-kariga ta' Sindku. Il-Kunsillier Malcolm Paul Galea accetta din il-kariga.

1.3 Ġurament tas-Sindku

Il-Kunsillier Malcolm Paul Galea ha l-gurament ta' Sindku. Fid-diskors tieghu, huwa qal li huwa lest ghall-hidma b'rizq il-lokalita ta' Haz-Zebbug. Huwa rringrazzja lis-Segretarju Ezekuttiv u lill-impjegati kollha tal-Kunsill ghax-xoghol kollu li ghamlu u li ghad iridu jaghmlu f'din il-lokalita.

1.4 Aċċettazzjoni tal-Kariga ta' Vici Sindku

Il-Kummissarju tal-Gustizzja saqsa formalment lill-Kunsillier Mark Camilleri jekk jixtieqx jiehu l-kariga ta' Vici - Sindku. Il-Kunsillier Mark Camilleri accetta din il-kariga.

## 1.5 Ġurament tal-Viċi-Sindku

Wara li accetta din il-kariga, il-Kunsillier Mark Camilleri nghata l-gurament tal-hatra ta' Vici-Sindku minghand il-Kummissarju tal-Gustizzja Dr. Chris Cilia.

## 1.6 Aġġornament

Il-laqgha spiccat fis-6:45pm u giet aggornata sine die.

| | |
|---|---|
| **Dr. Malcolm P. Galea** | **Paula M. Valletta** |
| **Sindku** | **Segretarju Ezekuttiv** |

,